

32003R1047

L 151/36

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

19.6.2003

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1047/2003
tat-18 ta' Ġunju 2003**

li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1899/97 li jstabbilixxi regoli għall-applikazzjoni fis-settur tal-bajd ta' l-arranġament previst fir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2290/2000, (KE) Nru 2433/2000 u (KE) Nru 2434/2000 u li jstabbilixxi miżuri transitorji għal arranġamenti għall-liċenzi ta' importazzjoni introdotti b'dak ir-Regolament.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/286/KE tat-8 ta' April 2003 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll li jadatta l-aspetti kummerċjali tal-Ftehim Ewropew li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa u r-Repubblika tal-Bulgarija, fuq in-naħa l-oħra, biex jieħdu kont tar-riżultat tan-negozjati bejn il-partijiet dwar konċessjonijiet agrikoli reċiproċi ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tagħha,

Wara li kkonsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/298/KE ta' l-14 ta' April 2003 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll li jadatta l-aspetti kummerċjali tal-Ftehim Ewropew li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika Ċeka, fuq in-naħa l-oħra, biex jieħdu kont tar-riżultat tan-negozjati bejn il-partijiet dwar konċessjonijiet agrikoli reċiproċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tagħha,

Wara li kkonsidraw id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/299/KE ta' l-14 ta' April 2003 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll li jadatta l-aspetti kummerċjali tal-Ftehim Ewropew li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika Slovakkja, fuq in-naħa l-oħra, biex jieħdu kont tar-riżultat tan-negozjati bejn il-partijiet dwar konċessjonijiet agrikoli reċiproċi ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjonijiet 2003/286/KE, 2003/298/KE u 2003/299/KE jiddisponu għal amministrazzjoni diretta mad-dħul fit-territorju tal-Komunità ta' kwoti ta' ċerti prodotti fis-settur tal-bajd li joriġinaw fil-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka u l-Islovakkja, rispettivament, u importati b'rata mnaqqsa ta' dazju doganali, u jħassru ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2290/2000 ⁽⁴⁾, (KE) Nru 2433/2000 ⁽⁵⁾ u (KE) Nru 2434/2000 ⁽⁶⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 102, ta' l-24.4.2003, p. 60.

⁽²⁾ ĠU L 107, tat-30.4.2003, p. 12.

⁽³⁾ ĠU L 107, tat-30.4.2003, p. 36.

⁽⁴⁾ ĠU L 262, tas-17.10.2000, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 280, ta' l-4.11.2000, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 280, ta' l-4.11.2000, p. 9.

- (2) Għalhekk ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1899/97 ⁽⁷⁾, hekk kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 834/2003 ⁽⁸⁾, għandu jiġi mħassar.

- (3) Ir-rimbors ta' dazji fuq l-importazzjoni ta' prodotti tal-grupp 25 imsemmijin fil-Parti 1 ta' l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1899/97 importati taħt il-liċenzi użati sa mill-1 ta' Mejju 2003, għandu jsir skond l-Artikoli 878 sa 898 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jniżżel id-disposizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabilixxi il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ⁽⁹⁾, hekk kif l-aħħar emendat bir-Regolament (EC) Nru 881/2003 ⁽¹⁰⁾.

- (4) Sabiex jiġu limitati problemi kummerċjali li potenzjalment jistgħu jinqalgħu sa mill-1 ta' Mejju 2003 minħabba l-eżistenza parallela ta' żewġ proċeduri differenti għall-importazzjoni tal-bajd fil-qoxra li joriġinaw mir-Repubblika Ċeka, jiġifieri skema għal-liċenza għall-importazzjoni u aċċess liberu għas-suq komunitarju hekk kif introdott bid-Deċiżjoni 2003/298/KE, l-importaturi għandhom jingħataw il-possibilita' li jikkanċellaw il-liċenzi u li l-garanziji tagħhom jiġu rilaxxati.

- (5) Peress illi l-Protokoll approvat bid-Deċiżjonijiet Nru 2003/298/KE, 2003/299/KE u 2003/286/KE jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju u fl-1 ta' Ġunju, rispettivament, dan ir-Regolament għandu wkoll jibda japplika minn dawk id-dati..

- (6) Il-miżuri disposti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal-Laħam tat-Tjur u Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1899/97 huwa hawnhekk imħassar.

Artikolu 2

Madankollu, il-liċenzi għall-importazzjoni maħruġa taħt ir-Regolament (KE) Nru 1899/97 għandu jibqa' validu sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2003.

⁽⁷⁾ ĠU L 267, tat-30.9.1997, p. 67.

⁽⁸⁾ ĠU L 120, tal-15.5.2003, p. 20.

⁽⁹⁾ ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 134, tad-29.5.2003, p. 1.

Id-detenturi tal-liċenzi għall-importazzjoni maħruġin skond ir-Regolament (KE) Nru 1899/97 għall-grupp 25 imsemmi f'Parti 7 ta' l-Anness I tiegħu li kienu japplikaw għal daww il-liċenzi bejn l-1 u s-7 ta' Diċembru 2002 jew bejn l-1 u s-7 ta' Marzu 2003 jistgħu, qabel il-25 ta' Ġunju 2003, jitolbu il-kanċellazzjoni u li l-garanziji tagħom jiġu rilaxxati.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea*.

Għandu jgħodd mill-1 ta' Mejju 2003 għall-importazzjoni mir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Slovakka, u mill-1 ta' Ġunju 2003 għall-importazzjoni mir-Repubblika tal-Bulgarija.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Ġunju 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni
